# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 17 TA' MEJJU 2002**

**Avviz Nru 1427/00DM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Roland Schaffrath sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Roland Schaffrath**

**Vs**

**Georgina sive Jane Scicluna**

## Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenuta ghal hlas ta' somma ta' tmien mija u sebgha u sebghin liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm877.76) li jinkludu hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) 'Excess' imhallas mill-assikurat Roland Schaffrath rapprezentanti danni kagunati minnhu f'incident awtomobilistiku tat-

30 ta' Dicembru 1999, gewwa Mosta Road, Lija bejn il-vettura numru JSC 157 misjuqa minnhu u l-vettura numru LAN 982 misjuqa minn Margaret Daly u proprjeta tal-assikurat tas-socjeta attrici Roland Schaffrath liema incident gara unikament tort tieghu, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez komprizi ghaxar liri u hamsin centezmu (Lm10.50) ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' April, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tieghu kontestwalment ma' l-Avviz u bl-imghax mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident 'de quo' kienet unikament responsabbli Margaret Daly ossia s-sewwieqa tal-vettura LAN 962 proprjeta tal-attur Roland Schaffrath.

2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-atturi pprezentata fil-25 ta' Settembru 2001.

Rat il-verbal tal-20 ta' Frar 2002 fejn il-konvenuta assistita mid-difensur taghha ddikjarat li mhix qed tikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat

Illi jirrizulta stabbilit illi t-tlett vetturi involuti fil-kollizjoni in kwistjoni kienu qed jinsaqu fl-istess direzzjoni u wara xulxin, b'dik ta Silvio Frendo fuq quddiem, tal-konvenuta fin-nofs u dik tal-attur Schaffrath, misjuqa minn Margaret Daly fuq wara.

Dawn is-sewwieqa lkoll jaqblu illi Silvio Frendo, fuq quddiem ried idur fuq il-lemin tieghu u ghalhekk beda jisposta ruhhu fuq il-lemin tal-karreggjata, immodera il-velocita' u xeghel l-indicators.  Izda qabel ma Frendo beda jdur fuq il-lemin, il-karozza tal-konvenuta intlaqtet minn dik misjuqa minn Margaret Daly fuq wara, giet spostata l-quddiem u laqtghet il-vettura ta Frendo waqt li ghaddiet minn max-xellug taghha.

Fejn ma jaqblux il-kontendenti huwa dwar x'kienu c-cirkostanzi li wasslu ghall-habta bejn Daly u l-konvenuta. Waqt li Daly ssostni li l-konvenuta kienet ukoll qed issuq spostata lejn il-lemin tal-karreggjata, biddlet f'daqqa din id-direzzjoni u dahlet lejn ix-xellug biex tissupera lil Frendo, il-konvenuta ssostni li qatt ma biddlet id-direzzjoni taghha izda intlaqtet meta naqqset mill-velocita' wara l-vettura ta Frendo.

Evidentement jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw dak li qed jallegaw, senjatament meta huwa ukoll stabbilit li kienet Margaret Daly li kienet qed isuq wara l-konvenuta u kienet hi li habtet mal-vettura tal-konvenuta.

Mill-provi ma jirrizultax illi Mosta Road, Lija, fil-parti fejn grat il-kollizzjoni, hija maqsuma f'iktar minn karreggjata wahda ghat-traffiku li jkun miexi fl-istess direzzjoni. Dan jimplika li Margaret Daly ma kienet qatt gustifikata li tikkunsidra sorpass tal-vettura ta quddiema minn fuq ix-xellug jekk ma kienetx assolutament certa li kienu qed jistennew tali manuvra. Jimplika ukoll li kienet obbligata li zzomm distanza sufficjenti bejn il-vettura taghha u dik ta quddiemha biex tkun zgura mis-success ta kull azzjoni evasiva li tista issir rikjesta u f'dan ir-rigward ghandhu jigi rilevat li distanza ta ftit iktar minn tul ta vettura fi triq imxarrba bix-xita b'sewqan moderat ma kienetx tikkwalifika bhala 'safe distance'.

Id-deposizzjoni ta Margaret Daly biss, kontradetta mill-konvenuta ma hiex sufficjenti biex jista jigi stabbilit li l-konvenuta ghamlet id-devjazzjoni bruska allegata. Infatti d-diversi cirkostanzi u ndizji jindikaw l-oppost. Mill-hsara fuq il-vetturi jirrizulta biss li l-vetturi ma kienux qed jinsaqu ezatt wara xulxin, b'dik tal-konvenuta iktar spostata lejn il-lemin tal-karreggjata; billi l-hsarat ma kienux jimplikaw il-gnub tal-vetturi izda biss quddiem u wara, ghalkemm fl-estremita' (vide ritratti a fol. 24 u 33), l-implikazzjoni hija li l-vettura tal-konvenuta kienet ghadha miexja ghad-dritt peress li l-parti ta wara taghha hija l-ahhar parti li setghet tinvadi trajettorja ta Daly.

Anke l-estensjoni tal-hsara fuq il-vetturi involuti u kif spiccaw jindikaw habta istantanea pprovokata mill-vicinanza tal-vetturi u nuqqas ta grad ta attenzjoni sufficjenti da parti ta Daly.

Ghalhekk issib li l-allegazzjoni ta responsabilita' da parti tal-konvenuta ma gietx ippruvata u konsegwentement tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia

Dep.Reg. Civil 34